

Prevenzjoni tal-Użu ta' Sustanzi għal Applikanti Subien Adolexxenti fl-Akkoljenza

Linji Gwida għal diskussjoni fi grupp



**Linji Gwida għal diskussjonijiet fi gruppi dwar
il-prevenzjoni tal-użu ta' sustanzi ma' applikanti subien
adolexxenti fl-akkoljenza**

**Għandu jintuża flimkien mal-animazzjoni tal-EUAA
“Kullimkien Hemm il-Ħajja”**

Marzu 2025

Fid-19 ta' Jannar 2022, l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (EASO) sar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA). Ir-referenzi kollha għall-EASO, il-prodotti u l-korpi tal-EASO għandhom jinftehm bħala referenzi għall-EUAA.



Il-manuskritt tlesta f'Marzu 2025

La l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f'isem l-EUAA ma huma responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li ġejja.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025

PDF ISBN 978-92-9410-578-3 doi:10.2847/8991720 BZ-01-25-014-MT-N

© L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA), 2025

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata diment li s-sors jiġi rikonoxxut.

Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-EUAA, jista' jkun meħtieġ li jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet rispettivi. L-EUAA ma għandhiex id-drittijiet tal-awtur fir-rigward tal-elementi li ġejjin:

Illustrazzjoni tal-qoxra: Animazzjoni "Kullimkien hemm il-ħajja" © EUAA, 2024.



Dwar il-linji gwida

Għaliex inħolqu dawn il-linji gwida? L-użu tas-sustanzi ġie identifikat bħala fenomenu notevoli fl-ambjenti ta' akkoljenza fl-Istati Membri tal-UE u fil-pajjiżi assoċjati ma' Schengen ⁽¹⁾. Għalhekk, l-EUAA qed tiffoka fuq il-prevenzjoni meta taħdem mal-applikanti u b'mod partikolari mal-applikanti subien li huma l-grupp identifikat bħala l-aktar f'riskju. Dawn il-linji gwida ġew żviluppati biex jikkomplementaw u jintużaw flimkien mal-animazzjoni tal-EUAA dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sustanzi ⁽²⁾. It-tnejn għandhom l-għan li jgħinu lill-professjonisti tal-akkoljenza jwettqu diskussjonijiet preventivi mal-applikanti subien adolexxenti.

Kif ġew żviluppati dawn il-linji gwida? It-tim ta' vulnerabbiltà tal-EUAA żviluppa dawn il-linji gwida bl-appoġġ tal-esperti tal-Istati Membri fl-użu tas-sustanzi u l-prevenzjoni tal-użu tas-sustanzi, il-vulnerabbiltà u s-saħħa mentali. Kruċjali għall-proċess ta' żvilupp kienet il-konsultazzjoni ma' esperti mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi.

Min għandu juża dawn il-linji gwida? Dawn il-linji gwida huma mmirati lejn professjonisti li jaħdmu ma' applikanti subien adolexxenti fl-akkoljenza, inklużi ħaddiema soċjali, konsulenti, psikologi u għalliema. Dawn jistgħu jkunu utli wkoll għall-professjonisti tal-akkoljenza ta' profili oħra b'taħriġ fil-ħidma psikosoċjali.

Kif tuża dawn il-linji gwida. Wara introduzzjoni, dawn il-linji gwida huma strutturati f'żewġ taqsimiet ewlenin. L-ewwel taqsima tispjega l-animazzjoni tal-EUAA dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sustanzi u l-iskop tagħha. It-tieni taqsima tipprovdi suġġerimenti għat-tweġiq ta' diskussjonijiet fi grupp ma' applikanti subien adolexxenti bl-użu tal-animazzjoni bħala għodda. Ħarsa ġenerali fil-qosor dwar is-suġġetti tal-użu tas-sustanzi u l-prevenzjoni tal-użu tas-sustanzi hija pprovduta fl-annessi biex tgħin fil-fehim ġenerali tal-professjonisti tal-akkoljenza li se jiffaċilitaw id-diskussjonijiet fi gruppi mal-applikanti subien adolexxenti.

Dawn il-linji gwida kif jirrelataw ma' għodod oħra tal-EUAA? Dawn il-linji gwida jikkomplementaw riżorsi oħra tal-EUAA dwar is-saħħa u l-benesseri mentali, il-psikoedukazzjoni ⁽³⁾ u s-sensibilizzazzjoni psikosoċjali tal-persunal tal-ewwel linja ⁽⁴⁾. L-animazzjoni hija parti mill-Portal tal-EUAA Let's Speak Asylum (għoti ta' informazzjoni fil-kuntest tal-akkoljenza) ⁽⁵⁾. L-għodod prattiċi kollha tal-EUAA huma disponibbli online fuq is-sit web tal-EUAA: <https://euaa.europa.eu/practical-tools-and-guides>.

(1) Is-27 Stat Membru tal-UE u l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera.

(2) EUAA, "Prevention of substance use" (Prevenzjoni tal-użu tas-sustanzi), il-kanal YouTube tal-EUAA, 13 ta' Diċembru 2024, aċċessat fis-6 ta' Frar 2025, <https://www.youtube.com/watch?v=nsJPFgE517o&t=36s>. L-animazzjoni hija disponibbli bl-Ingliš kif ukoll bi 8 lingwi mitkellma b'mod komuni mill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li jaslus fl-Ewropa. Għandha wkoll sottotitoli fi 22 lingwa tal-UE.

(3) EUAA, *Practical Guide on Mental Health and Well-being of Applicants for International Protection – Part I. for Senior Management* (Gwida Prattika dwar is-Saħħa Mentali u l-Benesseri tal-Aplikanti għall-Protezzjoni Internazzjonali – Parti I. għall-Maniġment Superjuri), Novembru 2024, aċċessat fid-19 ta' Marzu 2025, <https://euaa.europa.eu/publications/mental-health-well-being-applicants-part-i-senior-management>; EUAA, *Practical Guide on Mental Health and Well-being of Applicants for International Protection – Part II. for those working in the first line* (Gwida Prattika dwar is-Saħħa Mentali u l-Benesseri tal-Aplikanti għall-Protezzjoni Internazzjonali – Parti II. għal dawk li jaħdmu fl-ewwel linja, Novembru 2024, aċċessat fid-19 ta' Marzu 2025, <https://euaa.europa.eu/publications/mental-health-well-being-applicants-part-ii-first-line-officers>; EUAA, *Practical Guide on Mental Health and Well-being of Applicants for International Protection – Part II. for those working in the first line* (Gwida Prattika dwar is-Saħħa Mentali u l-Benesseri tal-Aplikanti għall-Protezzjoni Internazzjonali – Parti III). *Toolbox for the implementation of mental health and psychosocial support* (Sett ta' għodod għall-implementazzjoni tas-saħħa mentali u l-appoġġ psikosoċjali), Novembru 2024, aċċessat fid-19 ta' Marzu 2025, <https://euaa.europa.eu/publications/mental-health-well-being-applicants-part-iii-toolbox>; EUAA, *How can I support my child during difficult times? (Kif nista' nappoġġja lil uliedi fi żminijiet diffiċli?)*, Ġunju 2023, aċċessat fid-19 ta' Marzu 2025, <https://euaa.europa.eu/publications/how-can-i-support-my-child-during-difficult-times>; EUAA, *How can I deal with situations in which my parents seem sad, worried, or angry? (Kif nista' nindirizza sitwazzjonijiet li fihom il-ġenituri tiegħi jidheru mdejġin, inkwetati, jew irrabjati?)*, Ġunju 2023, aċċessat fid-19 ta' Marzu 2025, <https://euaa.europa.eu/publications/how-can-i-deal-situations-which-my-parents-seem-sad-worried-or-angry>; EUAA, *How to handle situations when my friend or sibling is sad, angry or does dangerous things? (Kif nittratta sitwazzjonijiet meta sieħbi jew ħuti jkunu mdejġin, irrabjati jew jagħmlu affarijiet perikolużi?)*, Ġunju 2023, aċċessat fid-19 ta' Marzu 2025, <https://euaa.europa.eu/publications/how-handle-situations-when-my-friend-or-sibling-sad-angry-or-does-dangerous-things>.

(4) EUAA, "Psychological First Aid", il-kanal YouTube tal-EUAA, 26 ta' Ġunju 2023, aċċessat fis-6 ta' Frar 2025, <https://www.youtube.com/watch?v=kbcUeng8uI> akkumpanjat minn [struzzjonijiet](https://www.struzzjonijiet.com).

(5) EUAA, Lets Speak Asylum Portal, Jannar 2023, aċċessat fit-23 ta' Frar 2025, <https://lsa.euaa.europa.eu/>.





Werrej

Lista ta' abbrevjazzjonijiet.....	5
1. Introduzzjoni	6
1.1. L-għan ta' dawn il-linji gwida.....	7
1.2. Min għandu juża dawn il-linji gwida?	8
2. L-animazzjoni tal-EUAA dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sustanzi.....	9
2.1. Għan u grupp fil-mira	9
2.2. Messaġġi, temi u simboli ewlenin	10
2.3. Narattiva	11
3. Kif għandhom jitwettqu diskussjonijiet fi gruppi ma' applikanti subien adolesxenti bl-użu tal-animazzjoni tal-EUAA.....	12
3.1. Tħejjija u salvagwardji	12
3.2. L-iffaċilitar tad-diskussjoni fi grupp.....	13
3.2.1. Introduzzjoni tad-diskussjoni fil-grupp.....	14
3.2.2. Suġġerimenti biex tiġi ffaċilitata d-diskussjoni tal-grupp – fażi 1	15
3.2.3. Suġġerimenti biex tiġi ffaċilitata d-diskussjoni tal-grupp – fażi 2	18
3.2.4. Għeluq tad-diskussjoni fil-grupp	19
Annessi dwar informazzjoni addizzjonali għal dawk li jintroduċu diskussjonijiet fi gruppi preventivi	20
Anness I. L-użu tas-sustanza u kif jaffettwa liż-żgħażaġh	20
Anness II. X'inhil-prevenzjoni tal-użu ta' sustanzi effettiva?	23





Lista ta' abbrevjazzjonijiet

Abbrevjazzjoni	Definizzjoni
EUAA	L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil
EUDA	L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi
EUPC	Kurrikulu Ewropew għall-Prevenzjoni
Il-pajjiżi tal-UE+	L-Istati Membri tal-UE u l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera
Konvenzjoni dwar ir-Refuġjati	Il-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-istatus tar-rifuġjati u l-Protokoll tagħha tal-1967 (imsemmija fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ażil u mill-QĠUE bħala "Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra")
REITOX	Réseau Européen d'Information sur les Drogues et les Toxicomanies (Network Ewropew ta' Informazzjoni dwar id-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga)
UE	L-Unjoni Ewropea



1. Introduzzjoni

Skont studji reċenti tal-EUAA, l-użu ta' sustanzi huwa fenomenu notevoli f'ambjenti tal-akkoljenza fl-Ewropa, li jinkludi fost l-oġġa tliet kwistjonijiet ta' tħassib dwar is-saħħa mentali u sinjali ta' twissija ta' inċidenti kritiċi ⁽⁶⁾. Analiżi aktar fil-fond tas-suġġett mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi (EUDA) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) ⁽⁷⁾ uriet li skont il-professjonisti tal-akkoljenza fl-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi assoċjati ma' Schengen (pajjiżi tal-UE+) l-użu ta' sustanzi huwa jew problema kbira (27 %) jew problema okkażjonali (50 %) fl-akkoljenza ⁽⁸⁾.

Il-kawżi identifikati huma relatati ma' esperjenzi li jseħħu qabel jew matul il-vjaġġ u wara l-wasla. Dan jinkludi avvenimenti trawmatiki fil-pajjiżi ta' oriġini, jew matul it-tranżitu, it-telf tal-appoġġ komunitarju u soċjali, in-nuqqas ta' involviment f'attivitajiet sinifikanti, l-inċertezza relatata ma' proċeduri twal tal-ażil jew il-qgħad fil-pajjiżi riċeventi ⁽⁹⁾. Uħud mill-konsegwenzi aktar prominenti osservati fir-rigward tal-użu tal-alkoħol, is-sustanzi illeċiti u l-medikazzjoni preskritta mill-applikanti jinkludu tħassib dwar is-saħħa mentali, problemi soċjali bħal nuqqas ta' impjieg, kunflitt mal-familja, residenti oħra jew persunal ieħor, kif ukoll aggressjoni u, sa ċertu punt, negliġenza edukattiva u problemi edukattivi.

L-applikanti żgħażaġh u rġiel waħedhom, inklużi l-adolesxenti u l-minorenni mhux akkumpanjati, huma l-grupp l-aktar f'riskju kif identifikat mill-istudju. Simili għall-pari tagħhom mill-pajjiżi tal-UE+, l-applikanti adolesxenti jistgħu jkunu suxxettibbli għal imġiba ta' teħid ta' riskju u esperimentazzjoni, li jistgħu jinkludu wkoll l-użu ta' sustanzi. Jistgħu juru vulnerabbiltà f'dan ir-rigward minħabba r-riskji assoċjati mal-ivvjaġġar tagħhom u l-bidliet kritiċi li jgħaddu minnhom meta jaslu u japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali f'pajjiż ġdid. Hefna jesperjenzaw inċertezza waqt li jkunu qed jistennew deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali. Barra minn hekk, dawk li jaslu mhux akkumpanjati fl-Ewropa jiffaċċjaw l-isfidi li jitrattaw is-sitwazzjoni tagħhom waħedhom filwaqt li l-familja u l-komunità tagħhom spiss ikunu 'l bogħod.

Biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet, l-EUAA żviluppat l-animazzjoni "Kullimkien hemm il-ħajja", immirata lejn is-subien adolesxenti fil-faċilitajiet ta' akkoljenza fil-pajjiżi tal-UE+. Din isservi

⁽⁶⁾ L-EASO, *Mental health of applicants for international protection in Europe – Initial mapping report (Is-saħħa mentali tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali fl-Ewropa – Rapport ta' mmappjar inizjali)*, Lulju 2020, aċċessat fid-19 ta' Marzu 2025, <https://euaa.europa.eu/publications/report-mental-health-applicants>; L-EASO, *Consultations with Applicants for International Protection on Mental Health A participatory approach – supported by Member State authorities and civil society (Konsultazzjonijiet mal-Aplikanti għall-Protezzjoni Internazzjonali dwar is-Saħħa Mentali Approċċ parteċipattiv – appoġġat mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u s-soċjetà ċivili)*, Diċembru 2021, aċċessat fid-19 ta' Marzu 2025, <https://euaa.europa.eu/publications/consultation-applicants-international-protection-mental-health>; l-EUAA, *Critical inċident management in the field of asylum and reception (Ġestjoni ta' inċidenti kritiċi fil-qasam tal-ażil u l-akkoljenza)*, 2022, aċċessat fid-19 ta' Marzu 2025, <https://euaa.europa.eu/publications/critical-incident-management-field-asylum-and-reception>.

⁽⁷⁾ L-EMCDDA-EUAA, *Professionals working in reception centres in Europe: an overview of drug related challenges and support requirements* (Professjonisti li jaħdmu fiċ-ċentri ta' akkoljenza fl-Ewropa: ħarsa ġenerali lejn l-isfidi u l-ħtiġijiet ta' appoġġ relatati mad-droga), Ottubru 2023, aċċessat fid-19 ta' Marzu 2025, <https://euaa.europa.eu/publications/professionals-working-reception-centres-europe-overview-drug-related-challenges-and-support-needs>.

⁽⁸⁾ Ibid., p. 21.

⁽⁹⁾ Ibid., pp. 21-22.



bħala għodda biex jiġu ffaċilitati t-taħditiet dwar il-prevenzjoni u potenzjalment inizjattivi rilevanti oħra f'dawn l-ambjenti.

1.1. L-għan ta' dawn il-linji gwida

Dawn il-linji gwida jipprovdu suġġerimenti għall-użu tal-animazzjoni tal-EUAA "Kullimkien hemm il-ħajja" biex jiġu diskussi s-suġġetti ta' hawn taħt mal-applikanti subien adolexxenti:

- kif l-applikanti subien jesperjenzaw il-ħajja fl-akkoljenza u l-kwistjonijiet ewlenin f'moħħhom;
- dak li huwa importanti li wieħed jiffoka fuqu waqt li jkun qed jistenna deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet tagħhom;
- is-soċjalizzazzjoni u ż-żamma tal-kuntatt waqt l-akkoljenza;
- motivazzjoni għal kif wieħed ilaħħaq b'mod pożittiv permezz tar-riżorsi disponibbli.

Dawn il-linji gwida jipprovdu wkoll ħarsa ġenerali konċiża ta':

- l-użu tas-sustanzi, il-progress fl-użu problematiku ta' sustanzi u disturbi fl-użu ta' sustanzi b'enfasi fuq iż-żgħażaġħ ([Anness I. L-użu tas-sustanza u kif jaffettwa liż-żgħażaġħ](#));
- il-prevenzjoni tal-użu tas-sustanzi, b'enfasi fuq ambjenti tajbin għas-saħħa u konnessjonijiet soċjali ([Anness II. X'inhi l-prevenzjoni tal-użu ta' sustanzi effettiva?](#)).

Il-ħarsiet ġenerali pprovduti fl-annessi jgħinu fil-fehim ġenerali tal-professjonisti tal-akkoljenza dwar iż-żewġ suġġetti koperti.

Dawn ta' hawn taħt jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida:

- disturbi fl-użu ta' sustanzi u ħsarat relatati;
- tipi ta' sustanzi użati b'mod komuni fl-Ewropa u l-effetti tagħhom.

Dawn is-suġġetti għandhom jiġu esklużi mid-diskussjonijiet ibbażati fuq l-animazzjoni tal-EUAA. F'każ li xi subien juru l-ħtieġa li jikkellmu dwar l-impatti jew l-appoġġ tal-użu tas-sustanza, huwa rrakkomandat li jiġu kkonsultati professjonisti fuq id-droga jew riżorsi bħan-Network Ewropew ta' Informazzjoni dwar id-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga tal-EUDA (REITOX) ⁽¹⁰⁾ u l-ħarrieġa ċċertifikati tal-kurrikulu Ewropew għall-prevenzjoni (EUPC) ⁽¹¹⁾.

⁽¹⁰⁾ L-EUDA, "Network ta' punti fokali nazzjonali REITOX", is-sit web tal-EUDA, aċċessat fil-15 ta' Jannar 2025, https://www.euda.europa.eu/about/partners/reitox_en. REITOX jirreferi għan-network tal-EUDA ta' atturi li jimmonitorjaw id-drogi fil-livell nazzjonali. Dan jikkonsisti minn 30 istituzzjoni jew aġenzija nazzjonali maħtura responsabbli għall-ġbir tad-data u r-rappurtar dwar id-drogi u d-dipendenza fuq id-droga. Dawn l-istituzzjonijiet jissejju "punti fokali nazzjonali" jew "osservatorji nazzjonali tad-droga".

⁽¹¹⁾ L-EUDA, "European Prevention Curriculum (EUPC): list of trainers and master trainers" (Kurrikulu Ewropew għall-Prevenzjoni (EUPC): lista ta' ħarrieġa u ħarrieġa ewlenin), is-sit web tal-EUDA, aċċessat fil-15 ta' Jannar 2025, https://www.euda.europa.eu/best-practice/european-prevention-curriculum-eupc/list-of-trainers_en. Hija disponibbli lista ta' ħarrieġa skont il-pajjiż.





1.2. Min għandu juża dawn il-linji gwida?

Dawn il-linji gwida huma għall-professjonisti li jaħdmu ma' applikanti adolexxenti, inklużi ħaddiema soċjali, konsulenti, psikologi, u uffiċjali tal-vulnerabbiltà, għalliema kif ukoll professjonisti tal-akkoljenza ta' profili oħra, peress li għandhom sfond jew taħriġ fix-xogħol psikosoċjali. L-interpreti u l-medjaturi kulturali li jappoġġaw diskussjonijiet fi grupp ma' subien adolexxenti jistgħu jikkonsultaw ukoll il-linji gwida.

Il-professjonisti tal-akkoljenza involuti f'dawn id-diskussjonijiet mhumiex mistennija li jkollhom għarfien espert fl-użu tas-sustanzi jew jipprovdu informazzjoni relatata.





2. L-animazzjoni tal-EUAA dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sustanzi

L-animazzjoni tal-EUAA dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sustanzi tallinja mal-approċċ ta' appoġġ għas-saħħa mentali u psikosoċjali li llum jintuża b'mod wiesa' mill-atturi umanitarji. Dan l-approċċ jirrikonoxxi l-importanza tal-kura tas-saħħa mentali preventiva għall-applikanti. Dan jinvolti l-indirizzar tal-ħtiġijiet psikosoċjali ta' applikant mill-mument tal-wasla, permezz tal-forniment ta' servizzi bażiċi u s-sigurtà, kif ukoll it-tisħiħ tal-involviment tal-komunità, ir-rabtiet familjari, in-networks soċjali u l-psikoedukazzjoni matul iż-żjara tiegħu biex jitnaqqsu r-riskji ta' kif wieħed ikampa b'mod negattiv, bħall-użu tas-sustanzi, filwaqt li tinbena r-reżiljenza ⁽¹²⁾.

L-animazzjoni ssegwi wkoll l-approċċ ibbażat fuq l-evidenza tal-EUDA għall-prevenzjoni tal-użu tas-sustanzi, li jippromwovi l-istabbiliment ta' ambjenti li mhumix mistiedna għall-mediċini, il-bini ta' relazzjonijiet soċjali tajbin għas-saħħa u l-involviment ta' daww f'riskju f'attivitajiet sinifikanti ta' kuljum.

L-animazzjoni hija mfassla biex tgħin lill-uffiċjali tal-ewwel linja jikkonnettjaw mal-applikanti subien adolexxenti, u b'hekk tagħmilha aktar faċli għalihom biex jiddiskutu l-isfidi u kif jużaw il-ħin tagħhom b'mod konstruttiv fl-akkoljenza. L-animazzjoni tevita li tiffoka fuq l-użu tas-sustanza nnifisha u ma tużax messaġġi ta' probizzjoni, twissija jew kastig, peress li dawn urew li huma ineffettivi fil-prevenzjoni tal-użu tas-sustanzi miż-żgħażaġh.

2.1. Għan u grupp fil-mira

Din l-animazzjoni hija mmirata lejn applikanti subien adolexxenti (14 sa 17-il sena) biex tipprevjeni l-użu tas-sustanzi u kif wieħed ikampa b'mod negattiv. Hija tqis li l-indirizzar negattiv mis-subien applikanti, inkluż l-użu ta' sustanzi, jista' jiġi evitat bl-użu ta' approċċ komprensiv għas-sitwazzjoni tagħhom. Dan jinkludi konverżazzjoni (diskussjoni fi grupp) dwar il-bidliet li għaddejjin minnhom, is-sentimenti tagħhom u r-riżorsi disponibbli fl-akkoljenza, bħall-appoġġ soċjali u attivitajiet bħall-isport jew l-apprendiment. Hija tteġġi għom jużaw il-ħin tagħhom fl-akkoljenza b'mod san u produttiv filwaqt li jistennew id-deċiżjonijiet tagħhom dwar l-ażil ⁽¹³⁾.

L-animazzjoni għandha tintwera lill-applikanti subien li ma għandhom l-ebda esperjenza fl-użu tas-sustanza jew li għandhom esperjenza fl-użu okkażjonali jew sperimentali. Mhuwix rakkomandat li tintuża l-animazzjoni għal diskussjoni preventiva ma' subien applikanti li jesperjenzaw użu frekwenti jew ta' ħsara ta' sustanzi, jew dipendenza.

⁽¹²⁾ EUAA, *Practical Guide on Mental Health and Well-being of Applications for International Protection – Part I. for Senior Management* (Gwida Prattika dwar is-Saħħa Mentali u l-Benesseri tal-Aplikanti għall-Protezzjoni Internazzjonali – Parti I. għall-Maniġment Superjuri), Novembru 2024, pp. 29-30, aċċessat fid-19 ta' Marzu 2025, <https://euaa.europa.eu/publications/mental-health-well-being-applicants-part-i-senior-management>.

⁽¹³⁾ Għat-tifsira ta' dawn it-termini, innota [Anness I. L-użu tas-sustanza u kif jaffettwa liż-żgħażaġh](#).





L-animazzjoni għandha tintwera lill-applikanti rġiel adoloxxenti wara li jiġu rreġistrati u akkomodati fl-akkoljenza. Hija mfassla għall-perjodu meta jkunu qed jistennew deċiżjonijiet, li jista' jdum xhur. Dan iż-żmien jista' jintuża biex jgħin hom jiżviluppaw l-għarfien u l-ħiliet għall-ħajja wara d-deċiżjoni u s-soġġorn tagħhom fl-akkoljenza. F'dan ir-rigward, huwa kruċjali li jkunu konxji tar-riżorsi kollha disponibbli fl-akkoljenza biex jipprevjenu mġibiet negattivi ta' kif wieħed ikampa.

2.2. Messaġġi, temi u simboli ewlenin

L-animazzjoni għandha l-**messaġġi ewlenin** li ġejjin għall-applikanti subien adoloxxenti waqt li jkunu fl-akkoljenza.

L-isfidi li tiffaċċja huma validi u rikonoxxuti:

- l-emozzjonijiet li tkun għaddej minnhom wara l-wasla u waqt li tkun qed tistenna d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tiegħek, bħal inkwiet, stress, frustrazzjoni, tama, huma naturali u validi;
- mekkaniżmi negattivi ta' kif wieħed ikampa, bħall-użu ta' sustanzi, jistgħu jidhru bħala mod kif wieħed jitratta l-inċertezza u t-tħassib minn xi wħud u nistgħu nitkellmu dwar għaliex dan huwa l-każ.

Hemm opportunitajiet biex wieħed ikampa u juża l-ħin fl-akkoljenza b'mod benefiċjarju:

- hemm riżorsi disponibbli li jistgħu jgħinuk tirrikorri għal mekkaniżmi pożittivi biex tkampa:
 - ikkomunika mal-persunal psikosoċjali u ta' akkoljenza għall-informazzjoni u l-appoġġ;
 - ikkomunika mal-persunal mediku biex tindirizza kwalunkwe kundizzjoni jew sintomu tas-saħħa;
 - ikkomunika mar-residenti biex tingħaqad u tissoċjalizza;
 - żomm ruħek attiv(a) u involvi ruħek f'attivitajiet tal-grupp;
- afda l-punti b'saħħithom, ir-riżorsi u r-reżiljenza tiegħek.

It-**temi ewlenin** miġbura fl-animazzjoni jinkludu:

- is-solitudni, il-ħbiberija u l-għażla tal-ħbieb;
- is-soċjalizzazzjoni f'pajjiż ġdid;
- l-aġġustament (eż. l-apprendiment tal-lingwa lokali);
- mekkaniżmi negattivi biex wieħed ikampa (eż. l-użu ta' sustanzi);
- aspirazzjonijiet għall-futur (eż. professjoni futura);





- mekkaniżmi pożittivi biex wieħed ikampa u r-riżorsi disponibbli fl-akkoljenza;
- għand min tirrikorri u lil min tafda waqt li tistenna d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tiegħek.

L-animazzjoni tuża **simboli** inklużi tajra, mekkanik tal-karozzi u sħab biex tirrappreżenta u tiddiskuti t-temi elenkati hawn fuq f'pajjiżi u f'kontesti differenti (għat-tifsira tas-simboli, ara t-Taqsima [3.2. L-iffaċilitar tad-diskussjoni fi grupp](#)).

2.3. Narattiva

L-animazzjoni tinkludi lil Ahmad, tifel Afgan ta' 16-il sena li ilu fl-akkoljenza għal diversi xhur bħala applikant għall-ażil mhux akkumpanjat. Huwa jaqsam l-emozzjonijiet u t-tħassib imħallta tiegħu mal-wasla, kif ukoll kif kampa b'mod pożittiv waqt li kien qed jistenna d-deċiżjoni tiegħu, filwaqt li evita mġibiet negattivi bħall-użu tas-sustanzi. Ahmad fittex appoġġ mill-persunal, ipparteċipa f'attivitajiet fi grupp u għamel ħbieb, u għen biex iħossu aħjar u jħossu parti mill-komunità ta' residenti, li għenitu wkoll jinkwieta inqas u jkun aktar involut.

L-animazzjoni turi lil Ahmad jgħix f'żewġ faċilitajiet ta' akkoljenza. Inizjalment, huwa jibqa' f'faċilità bbażata fuq il-kontejners b'popolazzjoni mħallta, qabel ma jiġi ttrasferit għal faċilità speċjalizzata għal minorenni mhux akkumpanjati.

Nb. L-animazzjoni hija ġenerika, żviluppata biex taqdi lill-pajjiżi kollha tal-UE+, għalhekk il-kuntest ta' akkoljenza muri jista' jkun aktar realistiku għal xi pajjiżi tal-UE+ u inqas għal oħrajn.





3. Kif għandhom jitwettqu diskussjonijiet fi gruppi ma' applikanti subien adolexxenti bl-użu tal-animazzjoni tal-EUAA

Id-diskussjonijiet fi gruppi għandhom isiru f'faċilitajiet ta' akkoljenza b'attivitajiet ta' rikreazzjoni, appoġġ u apprendiment għall-applikanti żgħażaġh disponibbli (internament jew permezz ta' riferimenti). Dan jtgħies bħala prekondizzjoni ewlenija għall-organizzazzjoni ta' tali diskussjonijiet ta' prevenzjoni. Barra minn hekk, huwa dejjem tajjeb li jkun hemm diskussjonijiet bħal dawn inkorporati f'firxa usa' ta' appoġġ psikosoċjali u rikreazzjonali li jiġi pprovdut lill-popolazzjoni applikanti.

3.1. Tħejjija u salvagwardji

Kompożizzjoni u qafas tal-grupp

- Minn 6 sa 10 applikanti subien adolexxenti (minn 14 sa 17-il sena), mhux akkumpanjati, akkumpanjati separatament jew fi grupp imħallat.
- Applikanti subien adolexxenti li mhumiex utenti ta' sustanzi jew li għandhom esperjenza b'użu moderat jew sporadiku ta' sustanzi.
- 60 sa 90 minuta ta' diskussjoni, b'pawża ta' 15-il minuta jekk tiġi estiża għal 90 minuta.

Żmien

- Ibda mit-tieni xahar 'il quddiem, ladarba jitlestew il-proċeduri kollha ta' dħul, inkluża l-akkomodazzjoni, u l-parteċipanti jħossuhom aktar stabbiliti.
- Skeda s-sessjonijiet biex jiġu evitati kunflitti mal-impenji l-oħra tal-parteċipanti (edukazzjoni, korsijiet tal-lingwa, sport).

Attendenza garantita. Agħmel ċert li torganizza diskussjonijiet għaż-żgħażaġh interessati kollha.

Parteċipazzjoni infurmata u volontarja. Informa lill-parteċipanti u lill-indoktraturi/gwardjani tagħhom minn qabel sabiex ikunu konxji tal-iskop u tal-format tad-diskussjoni u jaqblu dwar il-parteċipazzjoni. Aqbel b'mod konġunt dwar iż-żmien.

Appoġġ disponibbli. Informa lill-parteċipanti li l-appoġġ ta' segwitu minn ħaddiem soċjali jew mentor se jkun disponibbli jekk ikun meħtieġ.





Spazju sikur

- L-applikanti li jinsabu f'diffikultà psikoloġika severa jew fi kriżi m'għandhomx ikunu parti mill-grupp biex jiġi żgurat li d-diskussjoni ma twassalx għal aktar diffikultà.
- Agħmel ċert li parteċipant li jista' jesperjenza diffikultà matul id-diskussjoni jirċievi appoġġ speċjalizzat immedjat u jkun jista' jiddiskuti suġġetti individwalment aktar tard fejn meħtieġ.
- Agħti informazzjoni wara s-sessjoni mal-interpretu speċjalment jekk xi darba kien applikant.

Approċċ ta' diskussjoni

- Ħeġġeġ lill-parteeipanti kollha biex jaqsmu hsibiethom iżda tisfurzahomx. Il-parteeipazzjoni siekta hija wkoll ta' benefiċċju.
- Ittratta l-opinjoni maqsuma bħala siewja fil-mertu tagħhom stess, evita li tiddiskutihom f'termini ta' "tajjeb jew ħażin".
- Staqsi mistoqsijiet ta' segwitu biex tifhem il-ħsibijiet u r-reazzjonijiet tal-parteeipanti. Żomm ruħek miftuħ(a) għall-firxa ta' reazzjonijiet li jistgħu jesprimu: approvazzjoni, ġudizzju, sentimenti, kritika, mistoqsijiet jew eżitazzjoni.

Lingwa u interpretazzjoni

- Il-faċilitaturi għandhom jikkellmu bil-lingwa tal-parteeipanti jew jaħdmu ma' interpretu jew ma' medjatur kulturali.
- L-interpreti għandhom jiġu infurmati dwar l-iskop tad-diskussjoni u ta' dawn il-linji gwida.
- Il-lingwa trid tkun adatta għall-età, sempliċi, empatika u interessanti.
- Il-parteeipanti għandhom jaqsmu lingwa komuni (lingwa materna jew lingwa oħra). Gruppi ta' lingwi mħallta jeħtieġu tradutturi multipli, li jistgħu jdewmu d-diskussjonijiet u jaffettwaw id-dinamika tal-grupp.

3.2. L-iffaċilitar tad-diskussjoni fi grupp

Id-diskussjoni fi grupp għandha titmexxa minn faċilitatur bl-appoġġ ta' interpretu jew medjatur kulturali jekk ikun meħtieġ. Il-faċilitatur u l-interpretu għandhom jaraw l-animazzjoni minn qabel, jiltaqgħu minn qabel biex jiċċaraw l-iskop tad-diskussjoni u jaqblu dwar il-mod u l-istruttura tad-diskussjoni.



Huwa rrakkomandat li d-diskussjoni ssir f'żewġ fażijiet b'fażi ta' introduzzjoni u ta' għeluq.

Fluss	Tul ta' żmien	Għan	Kif
Introduzzjoni	10 min.	Inkoraġġixxi lill-grupp tas-subien għad-diskussjoni u stabbilixxi r-regoli.	- Introduċi lil xulxin. - Logħba ta' malajr.
Fażi 1	40 min.	Iddiskuti t-temi ewlenin tal-animazzjoni, filwaqt li tipprijorizza dawk magħżula mill-parteċipanti.	- Uri l-animazzjoni sħiħa. - Irrepeti x-xeni ewlenin tal-animazzjoni.
Pawża (15-il minuta)			
Fażi 2	15-il min.	Orjenta lill-parteċipanti dwar ir-riżorsi disponibbli fil-faċilità tal-akkoljenza rispettiva.	Aqsam l-informazzjoni rilevanti u materjali viżivi oħra, disponibbli.
Għeluq	10 min.	Irrikonoxxi l-importanza tal-parteċipazzjoni tas-subien u stedinhom jaqsmu l-impressjonijiet mid-diskussjoni fil-grupp innifisha.	Rawnd qasir mal-parteċipanti kollha.

3.2.1. Introduzzjoni tad-diskussjoni fil-grupp

Ordni tal-postijiet

Huwa rrakkomandat li s-siġġijiet jiġu organizzati f'nofs ċirku, inkluż għall-faċilitatur u l-interpretu. Kun ċert li kulħadd ikollu stampa daqstant tajba tal-iskrin.

Inkoraġġiment

- Il-parteċipanti kollha għandhom jintroduċu lilhom infushom jekk ma jkunux jafu lil xulxin ⁽¹⁴⁾.
- Ilgħab logħba qasira ⁽¹⁵⁾ jekk meħtieġ biex toħloq atmosfera komda.
- Jekk kulħadd ikun jaf lil xulxin, ipproċedi direttament għall-pass li jmiss.

Stabbilixxi r-regoli tal-grupp

Qabel ma tibda, stabbilixxi ftit regoli bażiċi flimkien, bħal:

- nisimgħu lil xulxin;
- ir-rispett ta' opinjonijiet differenti;
- iż-żamma tal-preżent (l-ebda telefon / l-ebda persuna dieħla ġewwa/miexja 'l barra).

⁽¹⁴⁾ Pereżempju, il-parteċipanti jistgħu jwaddbu ballun bejniethom. Il-parteċipant bil-ballun jista' jintroduċi lilu nnifsu billi jaqşam ismu u passjoni minn tiegħu, imbagħad jgħaddi l-ballun lill-parteċipant li jmiss.

⁽¹⁵⁾ Logħba qasira tista' tinkludi mistoqsijiet dwar il-preferenzi (sport favorit, frott, ħin tal-ġurnata) u li kull tifel jispjega fil-qosor għaliex. Żomm it-tweġibiet fil-qosor.



Spjega:

- l-għan u t-tul ta' żmien tad-diskussjoni;
- li d-diskussjoni mhijiex relatata mal-eżami tat-talba tagħhom għall-ażil;
- li m'hemm l-ebda tveġiba tajba jew ħażina, dak li huwa importanti huwa li jkun hemm taħdita flimkien ibbażata fuq impressjonijiet u opinjonijiet kondiviżi mill-animazzjoni;
- li l-parteċipanti jistgħu jitolqu fi kwalunkwe ħin jekk ma jkunux komdi.

Ara l-animazzjoni: agħfas play fuq l-animazzjoni, li hija twila 2.51 minuti, għall-grupp.

Ibda billi tistaqsi l-mistoqsija: “X’iħalli impressjoni fuqek f’din l-animazzjoni?”

3.2.2. Suġġerimenti biex tiġi ffaċilitata d-diskussjoni tal-grupp – fażi 1

Identifikazzjoni u diskussjoni ta' temi ta' interess għall-parteċipanti.

Id-diskussjoni se tesplora kif il-parteċipanti jirreaġixxu għall-animazzjoni, filwaqt li tidentifika suġġetti li jinteressawhom mingħajr ma jimponu ideat. Gruppi differenti ta' applikanti subien adolexxenti jistgħu jiffukaw fuq temi differenti, skont iċ-ċirkostanzi personali tagħhom, l-isfond, eċċ. It-temi jistgħu jinkludu s-solitudni, l-adattament għal pajjiż ġdid, l-aspirazzjonijiet tal-karriera. Xi wħud jistgħu jiddeċiedu li jikkellmu wkoll dwar id-drogi u l-kriminalità. Kwalunkwe suġġett mqajjem huwa validu għad-diskussjoni filwaqt li l-faċilitaturi jeħtieġ li jiżguraw li jkunu jistgħu jkomplu jiffokaw fuq il-prevenzjoni u t-tisħiħ tar-reżiljenza fil-parteċipanti.

Hawn taħt tista' ssib suġġerimenti għall-użu tat-temi u s-simboli mill-animazzjoni biex tiggwida diskussjoni sinifikanti. It-taqsimha “zoom in” tispjega l-partijiet ewlenin rispettivi tal-animazzjoni.

Animazzjoni dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sustanzi “Kullimkien hemm il-ħajja” — temi ewlenin	
L-ewwel laqgħa mal-akkoljenza u ambjent ġdid	
Ħin: 00.00 – 00.35	
Messaġġi ewlenin	L-isfidi u s-sentimenti li tiffaċċja mal-wasla fil-pajjiż il-ġdid huma validi u rikonoxxuti.
Mistoqsijiet ta' gwida	Il-wasla f'pajjiż ġdid tista' tkun ta' sfida. Meta wieħed iħares lejn l-esperjenza tiegħek, x'kienu l-affarijiet li sibt diffiċli u dawk li sibt pożittivi u ta' għajjnuna? L-orjentazzjoni f'post ġdid tista' tkun diffiċli. Meta tħares lejn l-esperjenza tiegħek, x'inhuma l-affarijiet li sibt diffiċli u dawk li sibt pożittivi u ta' għajjnuna?
Suġġetti ta' diskussjoni	• lingwa • kultura u regoli ġodda • suġġetti oħra mqajma mill-parteċipanti
Simboli ewlenin	Bini tal-kontejners: jirrappreżenta l-fażi temporali tal-ħajja tal-applikanti.





Iżżumja fl-istorja tal-animazzjoni. Ahmad, tifel mhux akkumpanjat ta' 16-il sena mill-Afganistan, jasal f'faċilità ta' akkoljenza b'akkomodazzjoni magħmula minn kontejners, iħossu mhux sikur u mhux familjari mal-ambjent ta' madwaru. Huwa qed jiffaċċja s-solitudni, id-differenzi kulturali u l-ħtieġa li wieħed jitgħalliem ir-regoli tal-ambjent il-ġdid.

Eżitazzjoni dwar l-adattament għal pajjiż ġdid

Ħin: 00.35 – 1.20

Messaġġi ewlenin	L-isfidi u s-sentimenti li tiffaċċja fl-aġġustament għall-ħajja fl-akkoljenza u kultura ġdida huma validi u rikonoxxuti.
Mistoqsijiet ta' gwida	Jekk persuna tkun imdejqa, jew inkwetata waqt li tkun qed toqgħod fiċ-ċentru ta' akkoljenza, x'taħseb li jista' jgħin lil dik il-persuna jkollha żmien aħjar? X'taħseb li jista' jgħin lil tali persuna tħossha aħjar?
Suġġetti ta' diskussjoni	• solitudni • dwejjaq • nostalġija għad-dar, il-familja u l-ħbieb • ansjetà dwar l-aġġustament u l-eżitu tal-applikazzjoni għall-ażil • l-għażla tal-ħbieb it-tajba • mekkaniżmi negattivi ta' kif wieħed ikampa (tipjip, xorb, drogi) • suġġetti oħra mqajma mill-parteċipanti
Simboli ewlenin	Sħab: jirrappreżentaw il-mogħdija taż-żmien; li ma tkunx konness sew mar-realtà. Il-lejl: jirrappreżenta burdati ħżiena, attivitajiet b'konsegwenzi negattivi, diqa.

Iżżumja fl-istorja tal-animazzjoni. Ahmad joqgħod waħdu fil-kamra tiegħu, iħares lejn is-sema msaħħba, li tissimbolizza l-ħin għaddej mingħajr ma jkollu xi ħaġa x'jaġħmel. Huwa jħossu waħdu u midfun fis-sitwazzjoni l-ġdida, filwaqt li jaħseb dwar il-familja u l-ħbieb tiegħu lura f'daru. Ix-xena tagħti l-impressjoni ta' dwejjaq u inkwiet hekk kif Ahmad jitħabat biex jara kif jadatta għall-ħajja l-ġdida tiegħu.

Fix-xena li jmiss, Ahmad jara grupp ta' subien barra mill-faċilità tal-akkoljenza. Huwa tard filgħaxija u qed ipejpu u jixorbu u possibbilment qed jaġħmlu użu minn drogi. Huwa josserva madankollu li dawn, ukoll, ma jidhrux li huma kuntenti u jidhru inċerti dwar kif għandhom jinnavigaw il-ħajja l-ġdida tagħhom. Huwa jiddeċiedi li ma jingħaqadx magħhom. Ahmad huwa ċar li l-għan tiegħu li jasal fil-pajjiż il-ġdid mhuwiex li juża d-drogi biex jiġi aċċettat.

L-użu tal-ħin fl-akkoljenza b'mod kostruttiv għall-benefiċċju tal-għanijiet futuri

Ħin: 1.20 – 2.38

Messaġġi ewlenin	Il-ħin fl-akkoljenza jista' jintuża b'mod san u ta' benefiċċju għall-l-apprendiment u t-tnejja għall-ħajja wara d-deċiżjoni dwar l-ażil. Inti reżiljenti u bl-għajnuna tal-ħbieb u bl-appoġġ tal-persunal, tista' tħossok involut(a) u kuntent(a) waqt li tistenna deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tiegħek.
------------------	--





Mistoqsijiet ta' gwida	Għaliex huma importanti l-ħbieb tajbin? Xi jfisser li tkun ħabib tajjeb? X'inhi l-professjoni li tixtieq twettaq u għaliex? X'ħiliet huma meħtieġa għal din il-professjoni? X'tapprezza l-aktar dwar pajjiżek u l-kultura tiegħek? Jekk tingħata l-opportunità li tipproduċi sekwenza ta' din l-animazzjoni – kif tkompli l-istorja ta' Ahmad? <i>Approċċ alternattiv</i> X'taħseb dwar il-mod kif Ahmad immaniġġja s-soġġorn tiegħu fl-akkoljenza — huwa ta' għajjnuna? Taħseb li Ahmad qed jagħmel xi ħaġa li int ukoll tista' tipprova tagħmel aktar? Għandek ideat oħrajn?
Suġġetti ta' diskussjoni	• ħbiberija: l-għażla ta' ħbieb tajbin u l-evitar ta' influwenzi ħżiena • l-akkwist ta' professjoni: enfasi fuq il-ħiliet meħtieġa għal professjoni futura • reżiljenza • l-importanza tal-kultura u l-lingwa domestika
Simboli ewlenin	Tajra: tirrappreżenta l-libertà, ir-reżiljenza, it-tama, il-ħidma f'tim u l-ħbiberija (it-tajra tittajjar minn żewġ persuni). <i>It-tajran tat-tajra huwa sport fil-beraħ popolari f'pajjiżi bħall-Afganistan jew is-Sirja.</i> Mekkanik tal-karozzi: jirrappreżenta l-professjoni li tagħti sodisfazzjon u indipendenza.

Iżżumja fl-istorja tal-animazzjoni. Ahmad jiddeċiedi li jevita li jagħmel użu mid-droga biex jiġi aċċettat, u minflok jiffoka fuq l-għan tiegħu li jikseb professjoni. Is-sħab barra t-tieqa tiegħu jittrasforma f'tajra, li tissimbolizza l-aspirazzjonijiet futuri tiegħu. Fix-xena li jmiss, li tirrappreżenta l-futur, Ahmad huwa ikbar u qed jaħdem bħala mekkanik tal-karozzi.

Ix-xena ta' wara turi li Ahmad mar jgħix f'faċilità speċjalizzata għal minorenni mhux akkumpanjati fejn jipparteċipa f'attivitajiet, jagħmel ħbieb tajbin bħal Huseyin u jattendi għal lezzjonijiet lingwistiċi. Huma jqattgħu l-ħin flimkien, itajjru t-tajriet u jagħmlu x-xogħol skolastiku mid-dar.

Xena finali turi lil Ahmad jitħaddet ma' qarib fuq it-telefown, jipprepara biex jilgħab l-isport mal-ħbieb u jiltaqa' mal-ħaddiem soċjali tiegħu, u juri ż-żmien strutturat tajjeb tiegħu fl-akkoljenza.

Nb. Mhux is-subien kollha jistgħu jirrelataw mat-tajran tat-tajra (xi wħud jistgħu jqisuh bħala attività għat-tfal żgħar biss). F'każ bħal dan, jistgħu jiġu mistoqsija dwar attività/logħba li jieħdu pjaċir bihom mal-ħbieb.





3.2.3. Suġġerimenti biex tiġi ffaċilitata d-diskussjoni tal-grupp – fażi 2

Orjentazzjoni dwar ir-riżorsi disponibbli għall-parteċipanti.

Id-diskussjoni dwar is-suġġetti “magħżula” se twassal għal taħdita dwar ir-riżorsi disponibbli fl-ambjent tal-akkoljenza biex tgħin lis-subien adolexxenti jqattgħu l-ħin tagħhom b'mod strutturat u b'saħħtu.

Se tipprovdi informazzjoni dwar l-għoti ta' informazzjoni, l-appoġġ mediku u psikoloġiku, l-apprendiment tal-lingwi, l-appoġġ fl-iskejjel, u l-attivitajiet rikreattivi, sportivi u kulturali.

Barra minn hekk, se tintroduċi l-persunal ta' appoġġ fil-faċilità, bħall-ħaddiema soċjali, l-infermiera, it-tobba, u l-psikologi jekk ikunu disponibbli. L-għan huwa li s-subien jiġu mħeġġa jaraw il-faċilità ta' akkoljenza bħala komunità u jużaw ir-riżorsi tagħha billi jfittxu assistenza tal-persunal meta jkun meħtieġ.

L-użu ta' ħin fl-akkoljenza b'mod kostruttiv għall-kisba ta' informazzjoni, appoġġ jew gwida		Ħin: 1.41 – 2.10
Ewlenin Messaġġi	Hemm riżorsi fl-akkoljenza li jgħinuk tuża l-ħin b'mod tajjeb għas-saħħa. Meta jkollok bżonnijiet, esprimihom lill-persunal rilevanti. Għandek tfittex l-appoġġ u tistaqsi l-mistoqsijiet meta teħtieġ informazzjoni u gwida.	
Ta' gwida Mistoqsijiet	Taf meta tista' tirrikorri għand il-persunal għall-appoġġ? Taf bl-attivitajiet soċjali, edukattivi u rikreattivi f'din il-faċilità?	
Suġġetti ta' Diskussjoni	• l-importanza tal-appoġġ mediku, psikosoċjali, skolastiku u għall-l-apprendiment tal-lingwi (iddiskuti biss dawk li huma disponibbli u aċċessibbli) • l-organizzazzjoni tal-jum u attivitajiet rikreattivi disponibbli • riżorsi soċjali, mediċi, edukattivi u rikreattivi disponibbli speċifiċi	
Simboli ewlenin	Tajra: tirrappreżenta l-ħbiberija, ix-xogħol f'tim, l-appoġġ bejn il-pari. Persunal tal-akkoljenza (infermiera, uffiċjal tal-akkoljenza): jirrappreżentaw l-importanza ta' laqgħat umani u li jinkiseb l-appoġġ.	
Iżżumja fl-istorja tal-animazzjoni. Ahmad jirrikorri għand il-persunal għall-għajnuna. Huwa jitkellem ma' ħaddiem soċjali għal gwida dwar il-ħajja soċjali fl-akkoljenza u jżur l-infermier għall-medikazzjoni għall-uġiġħ tiegħu. Il-ħabib ta' Ahmad Huseyin ukoll ifittex parir mill-ħaddiem soċjali, li jisma' u jipprovdi gwida, u possibbilment jissuġġerixxi psikologu jekk ikun meħtieġ. L-animazzjoni tintemm b'messaġġ li jħeġġeġ liż-żgħażaġh biex jirrikorru għand il-persunal taċ-ċentru ta' akkoljenza għall-gwida.		





3.2.4. Għeluq tad-diskussjoni fil-grupp

Biex tagħlaq is-sessjoni, stieden lis-subien jaqsmu l-ħsibijiet tagħhom dwar il-konverżazzjoni billi tistaqsi:

- X'sibt tajjeb dwar id-diskussjoni tagħna?
- X'seta' jsir aħjar?
- Jekk tista' tiddekrivi kif tħossok dwar id-diskussjoni f'kelma jew f'immagħni waħda, xi tkun?

Terġax tirrevedi d-diskussjoni abbażi tat-tweġibiet tagħhom. Sempliċiment iftaħ spazju għalihom biex jaqsmu l-ħsibijiet jew is-sentimenti tagħhom. Ladarba kulħadd ikun qasam ħsibijietu, irringrazzjahom għall-parteċipazzjoni tagħhom.

Tfakkira. Informa lis-subien li jistgħu jiltaqgħu ma' ħaddiem soċjali jew ma' mentor fi żmien xieraq jekk ikunu jridu jikkellmu aktar dwar l-animazzjoni u t-temi tagħha jew dwar kwalunkwe ħaġa li għet skattata mid-diskussjoni.





Annessi dwar informazzjoni addizzjonali għal dawk li jintroduċu diskussjonijiet fi gruppi preventivi

Il-ħarsiet ġenerali pprovduti hawn taħt għandhom l-għan li jgħinu fil-fehim ġenerali dwar is-suġġett tal-użu tas-sustanzi fost il-professionisti tal-akkoljenza li se jiffaċilitaw id-diskussjonijiet fi grupp mal-applikanti subien adolexxenti. Dawn mhumiex maħsuba bħala materjal li għandu jintuża fid-diskussjonijiet tal-grupp per se.

Anness I. L-użu tas-sustanza u kif jaffettwa liż-żgħażaġh

Is-sitwazzjoni tad-droga fl-UE hija kkaratterizzata minn livelli għoljin ta' disponibbiltà u użu ta' sustanzi. Is-sustanzi disponibbli huma differenti ħafna b'firxa wiesgħa ta' sustanzi psikoattivi u drogi sintetiċi ġodda. Il-persuni li jużaw id-drogi jistgħu jkunu f'riskju akbar ta' riżultati negattivi għas-saħħa, billi jikkonsmaw, possibbilment mingħajr ma jkunu jafu, potenza oġġla jew sustanzi jew taħlitiet ta' drogi aktar ġodda, b'riskji għas-saħħa mhux magħrufa ⁽¹⁶⁾. L-użu ta' sustanzi fil-pajjiżi Ewropej huwa osservat kemm fost il-popolazzjonijiet adulti kif ukoll fost iż-żgħażaġh.

X'inhu l-użu tas-sustanza? L-użu ta' diversi sustanzi psikoattivi jaffettwa s-sentimenti, il-perċezzjonijiet, il-proċessi tal-ħsieb u/jew l-imġiba. Dan jista' jinvolvi użu mhux frekwenti u sperimentali li madankollu, skont diversi fatturi, jista' jipprogrressa għal użu aktar regolari u diżordinat. L-użu tas-sustanzi jista' jidher li jipprogrressa fi tliet fażijiet, kif spjegat fid-dettall hawn taħt.

1. L-użu, li jinvolvi konsum moderat u sporadiku, l-użu ta' sustanzi huwa wieħed fost ħafna attivitajiet bi skopijiet rikreattivi tal-individwu.
2. F'użu intensifikat u eskalat, l-użu tas-sustanza jsir aktar sostnut u frekwenti u l-attività ta' divertiment prinċipali tal-individwu. Għalkemm il-funzjonament soċjali u personali jibda jonqos, l-imġiba għadha fil-biċċa l-kbira organizzata u l-individwu jista' jissodisfa l-biċċa l-kbira tar-rwoli u r-responsabbiltajiet tiegħu.
3. It-telf tal-kontroll fuq l-użu tad-droga u l-iżvilupp ta' disturb fl-użu tas-sustanza jfisser li l-attivitajiet relatati mas-sustanza issa huma l-fokus prinċipali tal-individwu. Huwa

⁽¹⁶⁾ EMCDDA, *European Drug Report. Trends and developments (Xeġriet u Żviluppi)*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2022, *Ir-Rapport Ewropew dwar id-Drogi tal-EMCDDA 2024*, EUDA.europa.eu, 2024, aċċessat fil-5 ta' Diċembru 2024, <https://emcdda.europa.eu/publications/european-drug-report/2024>





importanti li wieħed jinnota li d-dħul f'fażi waħda huwa meħtieġ iżda mhux biżżejjed biex isir progress għall-fażi li jmiss ⁽¹⁷⁾.

X'inhu disturb fl-użu tas-sustanzi? Il-biċċa l-kbira tan-nies li jużaw is-sustanzi ma jesperjenzaw l-ebda ħsara serja, madankollu, xi utenti tas-sustanzi jesperjenzaw problemi li jfixklu b'mod sinifikanti s-saħħa, il-funzjoni soċjali u l-benesseri tagħhom, li jissejġu disturbu fl-użu tas-sustanzi (dawn jistgħu jkunu ħfief, moderati jew severi). Skont l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Mard, IDS 11) hemm distinzjoni bejn l-użu ta' sustanzi ta' ħsara u d-dipendenza. L-użu ta' sustanzi ta' ħsara jirreferi għal mudell ta' użu ta' sustanzi li jikkawża ħsara lis-saħħa fiżika jew mentali. Id-dipendenza tirreferi għall-użu ta' sustanzi li jikkawża tkaxkir u diffikultajiet fil-kontroll tal-użu; użu persistenti minkejja konsegwenzi negattivi; it-tolleranza; u l-irtirar. Xi nies għadhom jistgħu jesperjenzaw problemi relatati mal-użu ta' sustanzi tagħhom mingħajr ma jilħqu l-limiti kliniċi għall-użu dannuż jew għad-dipendenza ⁽¹⁸⁾.

Użu tas-sustanzi u ż-żgħażaġh. L-istħarriġ skolastiku madwar l-UE dwar l-alkoħol u drogi oħra li jsir perjodikament fost iż-żgħażaġh ta' bejn il-15 u s-16-il sena juri li dawn huma partikolarment affettwati mit-tipip tas-sigaretti u l-konsum tal-alkoħol inklużi inċidenti ta' intossikazzjoni. Kważi wieħed minn kull ħamsa tal-parteċipanti fl-istudju rrapportaw użu illeċitu ta' droga, bil-kannabis bħala l-aktar sustanza użata. L-użu mhux mediku ta' mediċini bir-riċetta fost l-adolexxenti huwa ta' tħassib b'xi studenti jirrapportaw li użaw trankwiłlanti jew sedattivi, kif ukoll mediċina li ttaffi l-uġigħ, biex iħossuhom 'high' f'ħajjithom ⁽¹⁹⁾. Iż-żgħażaġh li jaslu fl-Ewropa, bħall-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, isibu ruħhom esposti għal soċjetajiet permissivi għall-użu tas-sustanza u r-riskji potenzjali relatati.

Iż-żgħażaġh jistgħu jippruvaw jew jużaw sustanzi għal diversi raġunijiet.

Insegwu l-imġiba ta' persuni oħra

Il-ġenituri u l-figuri adulti li regolarment jixorbu l-alkoħol, ipejpu u jew jippruvaw is-sustanzi joħolqu perċezzjoni tal-permissività u l-aċċettazzjoni tal-użu tas-sustanzi. Din il-perċezzjoni tinħoloq ukoll mill-pari u l-ħbieb li jixorbu jew jużaw il-kannabis u ġeneralment minn ambjent ta' pari li jissuġġerixxi li l-użu tas-sustanzi huwa parti miż-żgħażaġh li jesperjenzaw u suppost igawdu l-ħajja.

⁽¹⁷⁾ EMCDDA, il-Kurrikulu Ewropew għall-Prevenzjoni. *A Handbook for decisions makers, opinion-makers and policy makers in science based prevention of substance use (Manwal għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, dawk li jfasslu l-opinjoni u għal dawk li jfasslu l-politika fil-prevenzjoni bbażata fuq ix-xjenza tal-użu tas-sustanzi)*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2019, EUDA.europa.eu, pp. 28–29, aċċessat fid-19 ta' Marzu 2025, https://www.euda.europa.eu/publications/manuals/european-prevention-curriculum_en. L-EUPC hija mfassla biex tħarregħ professjonisti li huma involuti fit-tfassil ta' deċiżjonijiet, opinjonijiet u politiki ta' prevenzjoni fl-Ewropa fil-prevenzjoni bbażata fuq ix-xjenza tal-użu tas-sustanzi.

⁽¹⁸⁾ EMCDDA, Kurrikulu Ewropew għall-Prevenzjoni. *A Handbook for decisions makers, opinion-makers and policy makers in science based prevention of substance use (Manwal għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, dawk li jfasslu l-opinjoni u għal dawk li jfasslu l-politika fil-prevenzjoni bbażata fuq ix-xjenza tal-użu tas-sustanzi)*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2019, pp. 29-30, aċċessat fid-19 ta' Marzu 2025, https://www.euda.europa.eu/publications/manuals/european-prevention-curriculum_en.

⁽¹⁹⁾ EMCDDA, *ir-Rapport ESPAD tal-2019. Riżultati mill-Proġett Ewropew ta' Stħarriġ Skolastiku dwar l-Alkoħol u Drogi Oħrajn*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2020, aċċessat fid-19 ta' Marzu 2025, https://www.espad.org/sites/default/files/2020.3878_EN_04.pdf, pp. 42-48. L-istħarriġ sar f'49 pajjiż Ewropew.



Kurżità u sforz għall-esperjenza

Is-sustanzi psikoattivi jistgħu jintużaw minħabba l-kurżità jew biex titfittex gratifikazzjoni immedjata, peress li jistgħu jaħdmu malajr u l-effetti inizjali xi drabi jistgħu jinħassu tajbin. Is-sustanzi jistgħu wkoll jiġu ppruvati biex jesperjenzaw u juru l-indipendenza ta' dak li jkun u jhossuom aktar kbar.

Skappar u awtomedikazzjoni.

Jekk żagħżuġh ikun frustrat u mingħajr ħabib li jafda jew mingħajr ċirku soċjali li jieħu ħsiebu, jista' jirrikorri għal sustanzi għas-soliev u bħala mod kif iħossu enerġizzat u aktar kunfidenti. Xi drabi s-sustanzi jistgħu jintużaw biex jimmaniġġjaw l-istress (eż. fl-iskola), l-ansjetà jew id-dipressjoni. Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, xi wħud jistgħu jużaw stimulanti bir-riċetta biex iħossuom aktar enerġetiċi u jżidu l-kapaċità tagħhom li jiffukaw jew jużaw sedattivi bir-riċetta biex jimmaniġġjaw l-istress emozzjonali ta' diversi oriġini.

Solitudni u dwejjaq

Għal xi żgħażaġh, jista' jkun diffiċli li jżommu lilhom infushom okkupati jew li jindirizzaw il-fatt li jkunu waħedhom. Filwaqt li s-sustanzi jistgħu jagħtuom xi ħaġa x'jagħmlu, jistgħu jipprovdu bażi komuni għas-soċjalizzazzjoni mal-pari u jikkonnettjaw ma' grupp.

Nuqqas ta' fiduċja, ħtieġa li wieħed jesprimi lilu nnifsu b'mod aktar liberu

Taħt l-influenza tas-sustanzi, żagħżuġh jista' jemmen li huwa kapaċi jaġixxi b'aktar fiduċja, peress li l-inibizzjonijiet huma laxki u l-ansjetà soċjali titbaxxa. B'dan il-mod, huwa possibbli li jkollok il-kuraġġ li tagħmel affarijiet li normalment ma tagħmilx, bħal żfin anke jekk tkun żeffien ħażin, li tkanta tgħajjat ħafna anke jekk ma tkunx kantant tajjeb jew li tavviċina lill-pari anke jekk tkun tistħi ħafna.

Ambjenti favorevoli

Huwa komuni li wieħed jara n-nies, iż-żgħażaġh u l-anzjani, jixorbu jew jużaw sustanzi fil-films u fuq il-midja popolari jew fuq il-midja soċjali. Dawn l-attivitajiet spiss se jkunu pproġettati li jsiru apparentement mingħajr konsegwenzi.

Filwaqt li l-użu okkażjonali tas-sustanzi jista' ma jwassalx għal ħsara immedjata, l-użu frekwenti, l-użu f'ammonti kbar, il-bidu bikri, l-użu ta' aktar minn droga waħda, ⁽²⁰⁾ u xejriet riskjużi (l-użu tad-drogi f'assoċjazzjoni mas-sewqan jew l-attività sesswali) jistgħu jirriżultaw f'konsegwenzi negattivi. Hemm evidenza qawwija li l-użu frekwenti ta' sustanzi jista' jwassal għal saħħa fiżika u mentali ħażina, li taffettwa l-involvement u l-prestazzjoni akkademiċi ⁽²¹⁾.

⁽²⁰⁾ L-użu ta' aktar minn droga waħda jirreferi għall-użu ta' żewġ sustanzi psikoattivi jew aktar, leċiti jew illeċiti, simultanament jew sekwenzjalment. L-użu tad-drogi flimkien jista' jżid ir-riskju ta' problemi tas-saħħa u jikkomplika t-twettiq ta' interventi effettivi, kwistjoni pereżempju fir-rispons għal avvelenament akut.

⁽²¹⁾ L-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità, l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, "Education Sector Responses to the Use of Alcohol, Tobacco and Drugs", (Reazzjonijiet tas-Settur tal-Edukazzjoni għall-Użu tal-Alkoħol, it-Tabakk u d-Drogi) *Good Policy and Practice in Health Education*, (Politika u Prattika Tajba fl-Edukazzjoni dwar is-Saħħa) Ktejjeb 10, 2017, p. 26, aċċessat fid-19 ta' Marzu 2025, https://cdn.who.int/media/docs/default-source/substance-use/247509eng.pdf?sfvrsn=51329e52_2&download=true.



Anness II. X'inhom l-prevenzjoni tal-użu ta' sustanzi effettiva?

Il-prevenzjoni tal-użu ta' sustanzi għandha l-għan li twaqqaf jew li ddewwem l-użu ta' drogi psikoattivi. Jista' jkollha wkoll rwol fit-tnaqqis tal-possibbiltajiet għal dawk li bdew jużaw is-sustanzi biex jawnvanzaw fl-użu tas-sustanzi problematiċi ⁽²²⁾. Il-biċċa l-kbira tal-gruppi fil-mira għall-prevenzjoni mhumex f'riskju immedjat ta' disturb fl-użu tas-sustanza, iżda jistgħu jkunu f'riskju minn danni għas-saħħa jew psikoloġiċi, tluq bikri mill-iskola, problemi mal-pulizija, imġiba riskjuża (eż. teħid ta' riskji sesswali). Dawn jistgħu potenzjalment jiġu esperjenzati minn kull min juża s-sustanzi.

L-istudji juru li d-dewmien fil-bidu tal-użu tas-sustanzi fil-popolazzjonijiet fl-età tal-iskola jista' jinkiseb meta l-prevenzjoni tkun iffukata kemm fuq l-iżvilupp tal-ħiliet personali u soċjali taż-żgħażaġh biex tiġi appoġġata s-soċjalizzazzjoni b'saħħitha kif ukoll fuq il-ħolqien ta' ambjent ta' trawwim bi skattaturi limitati għal imġiba mhux tajba għas-saħħa. Strateġiji ta' prevenzjoni bħal dawn jiffokaw fuq:

- l-iżvilupp ta' kompetenzi soċjali, il-ħiliet ta' rifjut u l-kapaċitajiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet b'saħħithom fuq livell individwali;
- il-politiki tal-iskejjel dwar l-użu tas-sustanza;
- l-iżvilupp ta' ambjent edukattiv protettiv u ta' trawwim li jwassal għall-l-apprendiment u jistabbilixxi regoli ċari dwar l-użu tas-sustanzi ⁽²³⁾ f'livell ambjentali u sistemiku.

L-użu ta' sustanzi mill-popolazzjonijiet taż-żgħażaġh spiss jista' jkun parti minn xejra usa' ta' problemi ta' mġiba u teħid ta' riskji. Għalhekk jeħtieġ li l-azzjonijiet ta' prevenzjoni jindirizzaw il-kwistjoni b'mod komprensiv. Minflok ma jiġi indirizzat l-użu tas-sustanzi b'mod espliċitu u iżolat, għandha ssir enfasi fuq l-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi soċjali biex tiġi appoġġata s-soċjalizzazzjoni b'saħħitha u jiġu indirizzati d-determinanti u l-fatturi ambjentali, soċjali u kummerċjali li jwasslu għal tali mġiba aktar milli l-użu tas-sustanza per se.

⁽²²⁾ Ir-Rapport Ewropew dwar id-Drogi 2024 tal-EMCDDA, EUDA.europa.eu, 2024, aċċessat fil-5 ta' Diċembru 2024, p. 14, <https://emcdda.europa.eu/publications/european-drug-report/2024>

⁽²³⁾ L-EUDA, "Schools and drugs: health and social responses", (Skejjel u drogi: saħħa u reazzjonijiet soċjali) April 2022, aċċessat fl-4 ta' Diċembru 2024, https://www.euda.europa.eu/publications/mini-guides/schools-and-drugs-health-and-social-responses_en



X'inhi l-prevenzjoni tal-użu tas-sustanzi (b'enfasi fuq iż-żgħażaġh)?

GĦANDEK	M'GĦANDEKX
Fil-livell meso (ambjent soċjali; komunità) L-iżgurar ta' ambjenti li: • huma ħielsa mid-droga; • jillimitaw l-esponiment għal opportunitajiet ta' mgħiba mhux tajba għas-saħħa jew riskjuża; • jippromwovu d-disponibbiltà ta' opportunitajiet ta' mgħiba tajba għas-saħħa; • irawmu soċjalment. L-iżgurar ta' konnessjonijiet soċjali tajbin għas-saħħa. L-iżgurar tat-trawwim tar-rabtiet familjari u tal-appoġġ komunitarju, u l-involviment. Fil-livell mikro (livell individwali) • L-għoti ta' involviment sinifikanti u sens ta' skop. • L-iżvilupp tal-kompetenzi soċjali. • Psikoedukazzjoni (litteriżmu emozzjonali, indirizzar tal-emozzjonijiet u l-istress). • It-tagħlim ta' komunikazzjoni effettiva u l-iżvilupp ta' ħiliet interpersonali. • Appoġġ għall-ġenituri fl-iżvilupp tal-ħiliet tal-ġenituri.	L-għoti ta' interventi ta' informazzjoni biss dwar: • tipi ta' drogi. • l-effetti negattivi tad-drogi fuq il-ġisem u l-moħħ. • pieneni marbuta mal-użu tad-drogi. Il-provvista ta' interventi (fuq il-midja soċjali u tal-massa) li jissuġġerixxu b'mod impliċitu li l-użu tas-sustanza jkun mifrux u komuni, norma kulturali jew forma tas-soltu ta' kif wieħed jilqa' għat-tbatija.



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

